MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2011

Avviz Numru. 355/2010

**L-Awtorita tad-Djar**
**Vs**

**Agnes Cutajar**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikorsipprezentat mill-attur nhar il-5 ta' Ottubru 2010 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuta thallsu s-somma ta' tlett elef hames mija u erbgha Ewro (€3504) rapprezentanti somma dovuta minnha bhala kera ghall-perijodu mid-19 ta' Awwissu 2003 sal-24 ta' Novembru 2008 tal-fond Flat 1, Numru 140 Merchant Street, Valletta.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficcjali datata 23 ta' April 2009 u zewg ittri bonarji datati 21 ta' Mejju 2009 u 9ta' Lulju 2009 u bl-interessi mit-23 ta' April 2009 .

Il-konvenuta kienet ingunta in subizzjoni.

Rat illi l-konvenuta debitament notifikata sabiex tidher il-Qorti w tikkontesta din il-kawza baqghet ma pprezentat l-ebda risposta.

Rat illi fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2011 dehret l-avukat Dr. Lorna Mifsud Cachia ghall-konvenuta w irregistrat ammissjoni ghat-talbiet attrici.

In vista ta' tali ammissjoni kif registrata fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2011 din il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssib li t-talba tal-awtorita' attrici hija gusifikata w timmerita li tigi konfermata.

**Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tilqa' t-talba tal-awtorita' attrici w tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-istess awtorita' dik is-somma msemmija fir-rikors promotur fl-ammont ta' tlett elf hames mija w erbgha Ewro (€ 3504). Bl-ispejjez kif mitluba mill-awtorita' attrici w bl-imghax mid-data tat-23 ta' April 2009kif mitlub minnha.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------